

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B**

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-5 ta' Settembru 2013

dwar miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali għall-allokazzjoni tranżizzjonali mingħajr ħlas ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2013) 5666)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/448/UE)

(ĠU L 240, 7.9.2013, p. 27)

Emendata minn:

Ġurnal Uffiċjali

	Nru	Paġna	Data
► <b>M1</b> Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/126 tal-24 ta' Jannar 2017	L 19	93	25.1.2017



## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-5 ta' Settembru 2013

**dwar miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali għall-allokkazzjoni tranżizzjonali mingħajr ħlas ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

*(notifikata bid-dokument C(2013) 5666)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/448/UE)

### KAPITOLU I

#### MIŻURI NAZZJONALI TA' IMPLIMENTAZZJONI

##### *Artikolu 1*

1. Hija miċħuda r-reġistrazzjoni tal-installazzjonijiet elenkati fl-Anness I ma' din id-Deċiżjoni fil-listi ta' installazzjonijiet koperti mid-Direttiva 2003/87/KE li tressqu lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2003/87/KE u tal-għadd totali annwali preliminari korrispondenti ta' kwoti ta' emissjonijiet allokatu mingħajr ħlas lil dawn l-installazzjonijiet.

2. Jekk Stat Membru jemenda l-ammonti totali annwali preliminari tal-kwoti ta' emissjonijiet ippreżentati għall-installazzjonijiet fit-territorju tiegħu li qegħdin fil-listi msemmijin fil-paragrafu 1 u elenkati fil-punt A tal-Anness I ma' din id-Deċiżjoni, qabel ma jiddetermina l-ammont annwali totali finali għal kull sena mill-2013 sal-2020, b'konformità mal-Artikolu 10(9) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE, sakemm din l-emenda tkun biex teskludi kull żieda fl-allokkazzjonijiet li mhijiex prevista f'dik id-Deċiżjoni, ma jitqajmux oġġezzjonijiet.

Ma jitqajmux oġġezzjonijiet jekk Stat Membru jemenda l-ammonti annwali totali preliminari tal-kwoti tal-emissjonijiet allokatu mingħajr ħlas lil installazzjonijiet fit-territorju tiegħu li huma fil-listi msemmijin fil-paragrafu 1 u elenkati fil-punt B tal-Anness I ma' din id-Deċiżjoni qabel ma jiddetermina l-ammont annwali totali finali għal kull sena bejn l-2013 u l-2020, b'konformità mal-Artikolu 10(9) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE sakemm l-emenda tkun biex teskludi kull allokkazzjoni abbażi tal-valur referenzjarju tal-metall jaħraq lil installazzjonijiet li jimportaw il-metall jaħraq biex ikompli jiġi pproċessat, kif iddefinit fl-Anness I mad-Deċiżjoni 2011/278/UE. Fejn dan iwassal għal żieda fl-ammont totali annwali preliminari ta' kwoti tal-emissjonijiet f'installazzjoni li tipproduċi u tesperta l-metall jaħraq lil installazzjoni elenkata fil-punt B tal-Anness I ma' din id-Deċiżjoni, ma jitqajmux oġġezzjonijiet jekk l-Istat Membru kkonċernat jemenda l-ammont annwali totali preliminari ta' din l-installazzjoni li tipproduċi u tesperta l-metall jaħraq kif jixraq.

Ma jitqajmux oġġezzjonijiet jekk Stat Membru jemenda l-ammonti totali annwali preliminari ta' kwoti tal-emissjonijiet allokatu mingħajr ħlas lil installazzjonijiet fit-territorju tiegħu li qegħdin fil-listi msemmijin

**▼B**

fil-paragrafu 1 u elenkati fil-punt C tal-Anness I ma' din id-Deċiżjoni qabel ma jiddetermina l-ammont annwali totali finali għal kull sena bejn l-2013 u l-2020 b'konformità mal-Artikolu 10(9) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE sakemm l-emenda tkun biex tikkonforma l-allokazzjoni mal-Artikolu 10(2)(a) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE u teskludi kull allokazzjoni għal proċessi li huma koperti mill-konfini tas-sistema tal-valur referenzjarju tal-prodott għall-metall jaħraq, kif iddefinit fl-Anness I mad-Deċiżjoni 2011/278/UE lil installazzjoni li ma tipproduċix, iżda timperta l-metall jaħraq, li inkella iwassal għal kalkolu doppju.

Ma jitqajmox oġġezzjonijiet jekk Stat Membru jemenda l-ammonti annwali totali preliminari ta' kwoti tal-emissjonijiet allokatu mingħajr ħlas lil installazzjonijiet fit-territorju tiegħu li qegħdin fil-listi msemmijin fil-paragrafu 1 u elenkati fil-punt D tal-Anness I ma' din id-Deċiżjoni qabel ma jiddetermina l-ammont totali annwali finali għal kull sena bejn l-2013 u l-2020 b'konformità mal-Artikolu 10(9) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE sakemm l-emenda tkun biex teskludi kull allokazzjoni abbażi ta' installazzjoni sekondarja tal-emissjonijiet tal-proċessi għall-produzzjoni taż-żingu fil-forn blast u proċessi marbutin ma' dan. Fejn dan iwassal għal żieda tal-allokazzjoni preliminari skont il-valur referenzjarju ta' installazzjoni sekondarja tal-karburant jew tas-sħana f'installazzjoni li jkollha forn tal-blast u tkun elenkata fil-punt D tal-Anness I ma' din id-Deċiżjoni, ma jitqajmox oġġezzjonijiet jekk l-Istat Membru kkonċernat jemenda l-ammont annwali totali preliminari ta' din l-installazzjoni skont dan.

Ma jitqajmox oġġezzjonijiet jekk Stat Membru jemenda l-ammonti annwali totali preliminari tal-kwoti tal-emissjonijiet allokatu mingħajr ħlas lil installazzjonijiet fit-territorju tiegħu li huma inklużi fil-listi msemmijin fil-paragrafu 1 u elenkati fil-punt E tal-Anness I ma' din id-Deċiżjoni qabel ma jiddetermina l-ammont annwali totali finali għal kull sena bejn l-2013 u 2020 b'konformità mal-Artikolu 10(9) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE sakemm l-emenda tkun biex teskludi kull allokazzjoni għas-sħana esportata lil installazzjonijiet li jipproduċu l-polimeri, bħalma huma l-S-PVC u l-E-PVC, u l-VCM.

3. Kull emenda msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni kemm jista' jkun malajr, u Stat Membru ma għandux ikompli biex jiddetermina l-ammont annwali totali finali għal kull sena bejn l-2013 u l-2020 b'konformità mal-Artikolu 10(9) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE sakemm l-emendi jkunu saru aċċettabbli.

*Artikolu 2*

Mingħajr ħsara għall-Artikolu 1, ma jitqajmox oġġezzjonijiet rigward il-listi tal-installazzjonijiet koperti mid-Direttiva 2003/87/KE mressqin mill-Istati Membri skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2003/87/KE u l-ammonti annwali totali preliminari tal-kwoti tal-emissjonijiet korrispondenti allokatu mingħajr ħlas lil dawn l-installazzjonijiet.

**▼B**

KAPITOLU II  
IL-KWANTITÀ TOTALI TAL-KWOTI

*Artikolu 3*

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2010/634/UE huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 1*

Abbażi tal-Artikoli 9 u 9a tad-Direttiva 2003/87/KE, il-kwantità totali ta' kwoti li għandhom jingħataw mill-2013 'il quddiem u mnaqqsin kull sena b'mod lineari skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2003/87/KE, hija ta' 2 084 301 856 kwoti.”

KAPITOLU III  
KOEFFIĊJENT TA' KORREZZJONI TRANSETTORJALI

**▼M1**

*Artikolu 4*

Il-fattur ta' korrezzjoni transettorjali uniformi msemmi fl-Artikolu 10a(5) tad-Direttiva 2003/87/KE u ddeterminat skont l-Artikolu 15(3) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE huwa stabbilit fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

**▼B**

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.



## ANNEX I

## PUNT A

**Identifikatur tal-Installazzjoni kif ippreżentat fin-NIMs**

DE000000000000010

DE0000000000000563

DE0000000000000978

DE0000000000001320

DE0000000000001425

DE-new-14220-0045

DE-new-14310-1474

## PUNT B

**Identifikatur tal-Installazzjoni kif ippreżentat fin-NIMs**

DE0000000000000044

DE0000000000000053

DE0000000000000056

DE0000000000000059

DE0000000000000069

## PUNT C

**Identifikatur tal-Installazzjoni kif ippreżentat fin-NIMs**

CZ-existing-CZ-73-CZ-0134-11/M

CZ-existing-CZ-52-CZ-0102-05

## PUNT D

**Identifikatur tal-Installazzjoni kif ippreżentat fin-NIMs**

DE-new-14220-0045

DE0000000000001320

## PUNT E

**Identifikatur tal-Installazzjoni kif ippreżentat fin-NIMs**

DE0000000000000005

DE0000000000000762

**▼B**

---

DE000000000001050

---

DE000000000001537

---

DE000000000002198

---

**▼ M1***ANNEX II*

Il-valuri tal-fattur ta' korrezzjoni transsettorjali li japplikaw għall-allokkazzjonijiet mingħajr ħlas għal installazzjonijiet li mhumiex koperti bl-Artikolu 10a(3) tad-Direttiva 2003/87/KE għas-snin 2013-2020 huma dawn li ġejjin:

Sena	Fattur ta' korrezzjoni transsettorjali
2013	89,207101 %
2014	87,657727 %
2015	86,090119 %
2016	84,506152 %
2017	82,905108 %
2018	81,288476 %
2019	79,651677 %
2020	78,009186 %